---

9 ta' Mejju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nobbli Charles Sant Fournier ne. *versus* Dr. Alfredo Mercieca et. ne.

**Kummissjoni — Polza tal-Kariku — Art. 102, 105 u 107 tal-Kap. 17.**

*Il-kummissjunarju quddiem it-terzi jaġixxi f'ismu, u mhux f'isem iddak li huwa jirrappreżenta; u jagħmel l-operazzjonijiet bħala haġa tiegħu, u quddiem it-terzi huwa responsabbli personalment.*

*Anzi fid-dottrina hu aċċettat illi ladarba l-kummissjunarju jidher b'ismu, ftit jimporta li huwa isemmi l-isem tal-kommittent tiegħu; b'mod li t-terz ma hux awtorizzat jiddeduċi illi l-kummissjunarju*

*qiegħed jagħmel l-operazzjoni in rappreżentanza tal-kommittent tiegħu.*

*Il-kummissjoni ma hix inkonsistenti mal-kwalità ta' kummerċjant kummissjonant.*

*Il-karikatur b'polza għall-ordni, l-istess bħal karikatur b'polza nominattiva, jikkonserva d-disponibilità tal-merkanzija sakemm ma jiġġirax il-polza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li fiha l-attur nomine ppremetta illi b'isem ta' "Philip Agius and Company", u permezz tal-korrispondent ta' Barclay's Bank, hu fetaħ kreditu a favur tal-konvenut għas-somma ta' £1950, prezz ta' 3000 xkora patata, tal-piż ta' 150 tunnellata metrika, bil-prezz ta' £150 it-tunnellata, bil-kondizzjoni, fost l-oħrajn, illi l-patata kellha tkun imbarkata ("shipped") fis-26 ta' Marzu 1949; illi effettivament il-patata ġiet imbarkata fit-28 u fid-29 ta' Marzu 1949, imma falsament ġiet ottenuta polizza ta' kariku li turi illi l-patata kienet ġiet diġà karikata fis-26 ta' Marzu 1949 (dok. B), u b'dana l-mod il-konvenut abużivament approfitta ruħu mill-imsemmi kreditu; illi, in vista ta' dina l-kontravvenzjoni flagranti tal-kuntratt, kommessa in mala fede, hu għandu d-dritt li jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt u r-riżarċiment tad-danni; u talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, (1) għar-raġunijiet imsemmija tiġi dikjarata riżoluta l-imsemmija vendita, (2) u li l-konvenut jiġi kundannat jirrestitwilu l-imsemmija somma ta' £1950 minnu abużivament ritirata, u bl-imgħaxijiet relativi, (3) u li l-konvenut jiġi kundannat jirriżarċilu d-danni kaġunati, illi jiġu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti. Bl-imgħaxijiet kummerċjali fuq l-imsemmija somma ta' £1950 mill-ġurnata ta' l-apertura tal-kreditu u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat tas-sekwestru tas-7 ta' April 1949, kontra l-konvenut ingunt għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Huwa ċar li qabel xejn għandha tiġi eżaminata l-eċċezzjoni msemmija fl-aħħar, illi, ċjoè, l-operazzjoni ġiet kuntrattata mad-ditta "Philip Agius & Co.", u għalhekk l-attur ma jistax jġib dina l-azzjoni, għax ebda relazzjoni ma hemm bejnu u l-konvenut Pirozzi;

Verament, mid-dokument relativ għall-apertura tal-kreditu (fol. 5) jirriżulta li dana l-kreditu ġie miftuħ favur il-konvenut Pirozzi mid-ditta "Philip Agius & Co." (Credit opened for account of Philip Agius & Co.). L-istess Philip Agius, fol. 50, igħid li hu aċċetta l-offerta ta' Pirozzi "b'ismu". Igħid ukoll li lil Pirozzi (recte Saverio Panico — ara fol. 63) qatt ma indikalu l-isem tax-xerrej; biss qallu li kien qed jagħmel l-operazzjoni għal terza persuna (unknown buyer)..............;

Hu ċar minn dan kollu li, avvolja fil-fatt Agius kien qiegħed in definitiva jagħmel l-operazzjoni fl-interess tad-ditta "Tagliaferro", hu ikkonkjuda l-operazzjoni f'ismu. Għalhekk, skond l-art. 102 tal-Kap. 17, l-attur nomine ma għandu ebda azzjoni kontra l-konvenut Pirozzi, kif dan ma għandux azzjoni kontra tiegħu; l-obligati huma Pirozzi u d-ditta Agius (art. 101 idem). "Il commissionario", qal l-Imħallef Dr. Ganado fis-sentenza ta' din il-Qorti "Bartolo vs. Bonnici", 20. 10. 32, "agisce di fronte ai terzi in testa propria e non a nome della sua casa, e fa l'affare come suo proprio, ed è di fronte al terzo responsabile personalmente". Anzi fid-dottrina hu riċevut illi "una volta messo avanti il proprio nome, poco importa la menzione della persona del committente. che non è perciò autorizzato il terzo a dedurne che il commissionario opera in rappresentanza del committente. Dire che si tratta "per conto di data persona" non significa, nella pratica del commercio, che si intenda stipulare in nome di lei. Talora una indiscrezione del commissionario può fare credere che l'affare in definitiva rifletta il patrimonio del committente, però il risultato non varia, perchè resta impegnato soltanto il nome e la persona del primo..............." (ara Thaller, n. 477; Bolaffio e Vivante, Vol. VI, art. 380-381, pag. 417). Sikkè, anki kieku Agius semma lil Panico, meta dan kien hawn Malta, li hu kien soltu jagħmel operazzjonijiet għad-ditta Tagliaferro, dan ma jfisser xejn; għaliex Agius kien għamel kollox f'ismu, kif fuq ingħad. Dan apparti l-fatt li hu kontradett minn Panico u minn Pirozzi, fis-sens li dawn igħidu kategorikament (u x-xhieda tagħhom għandha aktar mill-verosimili) illi hu qatt ma semma lil Banca Tagliaferro f'din l-operazzjoni;

Il-perċentwali tat-tnejn fil-mija, imsemmija mix-xhud Agius u fl-ittra fol. 59, lanqas tbiddel in-natura tan-negozju, għaliex tant Panico kemm Pirozzi xehdu li din hi proprjament skont, u mhux kummissjoni — tema skont jingħata fil-każ ta' "quasi tutti i clienti del Bacino del Mediterraneo". Dak l-iskont jifforma bla dubju parti mill-qliegħ tad-ditta "Philip Agius & Co" f'dawn l-operazzjonijiet; għaliex diversament wieħed diffiċilment jifhem il-għaliex Agius, li huwa impjegat tal-Banca Tagliaferro, jew komunkwe konness magħha, ma jagħmelx operazzjoni simili mill-ewwel għan-nom tal-Banca Tagliaferro bħala sempliċi intermedjarju, u mhux jittratta f'ismu bir-riskju konsegwenzjali;

Lanqas ma hija l-provviġġjoni inkonsistenti mal-kwalità ta' kummerċjant kummissjonant, u kwindi ma' l-art. 101 u 102 fuq ċitati, kif wieħed jista' jiddeżumi anki mill-art. 105, li jsemmi l-kummissjoni, ossija provviġġjoni speċjali f'ċerti każi, u mix-Schedule annessa mal-Kodiċi tal-Kummerċ taħt l-Ewwel Taqsima tagħha (On the purchase of goods with the principal's funds in hand);

Il-polza tal-kariku kienet għall-ordni (ara fol. 6). Dan il-fatt lanqas jinfluwixxi fuq il-pont involut fl-eċċezzjoni tal-konvenut; għaliex il-karikatur b'polza għall-ordni, l-istess bħal karikatur b'polza nominativa, jikkonserva d-disponibilità tal-merkanzija sakemm ma jiġġirax il-polza; apparti dejjem il-fatt li l-operazzjoni saret f'isem id-ditta "Philip Agius". Del resto, l-istess Agius, fix-xhieda tiegħu fol. 50 tergo, qal li l-poloz ġew kunsinnati lilu bħala "Philip Agius & Co.";

Għalhekk għall-azzjoni esperita hemm l-ostakolu tad-difett imsejjaħ "carenza di azione", minħabba li ma hemmx relazzjonijiet ġuridiċi bejn id-ditta attriċi u l-konvenut (ara anki d-deċiżjonijiet riportati fil-Giurisprudenza sul Codice di Commercio, Navarrini e Vedani, Comm. art. 381, nri. 1, 2, 3, 4 u 5);

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi;

Tirrespinġi l-istanza proposta mid-ditta attriċi; salva kull azzjoni talvolta spettanti lid-ditta "Philip Agius & Company" għar-rigward ta' dina l-istess vertenza, "si et quatenus";

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur nomine. Il-Qorti ma tipprovdix fuq l-ispejjeż riżervati fid-deċiżjoni tagħha fol. 79.

għaliex fuq dawn l-ispejjeż ġie provvdut għaż-żewġ istanzi fid-deċiżjoni ta' l-Appell fol. 94.